# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 452/16 MH**

**Illum 16 ta' Jannar 2019**

**L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**vs**

**Emarine Limited (C 38766)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-Awtorita' attriċi** tas-6 ta' Ġunju 2016 permezz ta' liema ppremettiet hekk -

1. *Illi l-konvenuta hija kumpanija li topera fil-kamp marittimu u ta' aġenzija marittima.*

2. *Illi l-Awtorità hija kreditriċi tal-konvenuta fis-somma totali ta' <u>mija u disgħa u erbgħin elf, mitejn u għaxar Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€149,210.81c)</u> konsistenti fi drittijiet portwali dovuti skont il-liġi, prinċipalment drittijiet ta' rmiġġ [mooring dues], drittijiet ta' pilutaġġ*

*[pilotage dues], drittijiet ta' ankraġġ [anchorage dues] u drittijiet tal-port [port dues] oħra sat-30 ta' April 2016.*

3. *Illi l-ammont dovut jirriżulta mill-istatement of account datat 5 ta' Mejju 2016 hawn anness u mmarkat bħala* **Dok TM 1**.

4. *Illi għalkemm il-konvenuta ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali numru 1313/16 datata 20 ta' April 2016 sabiex tħallas l-ammont minnha dovut sat-8 ta' April 2016, u intbgħatulha statements regolari, hija baqgħet inadempjenti (kopja tal-ittra ufficjali u riferta hawn annessa u mmarkata bhala* **Dok TM2***);*

5. *Illi l-ammont dovut qiegħed kostantament jiżdied, u l-Awtorità esponenti tirriserva illi tipproċedi wkoll għal ammonti ulterjuri illi jistgħu isiru dovuti;*

6. *Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-liġi ai termini tal-artiklu 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura u Organiżżażżoni Ċivili [Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta] u dan stante illi il-kreditu mitlub huwa ċert, likwidu u dovut u li fil-fehma tal-Awtorità attriċi l-konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'taghti kontra l-ħlas tal-imsemmi ammont;*

7. *Illi għalhekk qiegħda ssir din il-kawża.*

**GĦALDAQSTANT**, *l-Awtorità attriċi umilment titob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

(i) *Tisma' u tiddeċiedi skont it-talba bid-dispens tas-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organiżżażżjoni u Proċedura Ċivili [Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta];*

(ii) *Tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi tal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta fis-somma ta'* ***mija u disgħa u erbghin elf mitejn u ghaxar Euro u wiehed u tmenin ċenteżmu (€ 149,210.81c)*** *konsistenti fi drittijiet portwali dovuti skond il-liġi, prinċipalment drittijiet ta' rmiġġ [mooring dues], drittijiet ta' pilutaġġ [pilotage dues], drittijiet ta' ankraġġ [anchorage dues] u drittijiet tal-port [port dues] oħra;*

(iii) *Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-Awtorità attriċi l-imsemmija somma* ***mija u disgħa u erbgħin elf mitejn u ghaxar Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€ 149,210.81c)****.*

*Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 1313/16 u bl-imgħaxijiet legali bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta, mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta illi hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi saru diversi talbiet konġunti mill-partijiet għal differiment stante diskussjonijiet li kienu għaddejjin bejniethom bil-għan li jintlaħaq ftehim.

Rat illi bi qbil ukoll bejn il-partijiet ġie estiż diversi drabi t-terminu għall-preżentata tar-risposta ġuramentata da parti tas-soċjeta' konvenuta.

Rat illi waqt is-seduta tal-14 ta' Frar 2018[1] l-Awtorita' attriċi nfurmat lill-Qorti li t-trattativi bejn il-partijiet fallew b'dana li l-kawża kellha tipproċedi bil-provi. Minkejja li f'dik l-istess seduta s-soċjeta' konvenuta ingħatat terminu ta' 20 jum għall-preżentata tar-risposta ġuramentata hija baqgħet inadempjenti.

Semgħet ix-xhieda ta' Dr Christopher Spiteri għall-Awtorita' tal-1 ta' Ġunju 2018[2] li oltre li ppreżenta diversi *statements* u kopja ta' kull fattura li ħarġet informa lill-Qorti li fil-frattemp kien sar pagament ta' parti mis-somma mitluba mis-soċjeta' konvenuta.

Rat in-Nota tal-Awtorita' attriċi tas-6 ta' Lulju 2018[3] permezz ta' liema rriduċiet is-sorte bis-somma ta' €26, 025 stante pagament mill-konvenuta fil-mori tal-proċeduri filwaqt li żammet ferm it-talbiet tagħha għall-bilanċ ta' €123,185.81 u għall-ispejjeż u l-imgħaxijiet mitluba f'dawn il-proċeduri.

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2018[4] l-Awtorita' konvenuta ndikat li ser tippreżenta affidavit ta' Dr Christopher Spiteri li pero' baqa' ma ġiex preżentat.

Rat illi l-kawża ġiet differita għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Il-kawża tal-lum ġiet istitwita mill-Awtorita' a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex titlob il-ħlas ta' somma flus - oriġinarjament ammontanti għal € 149,210.81c u eventwalment ridotta għal €123,185.81 – dovuti bħala drittijiet portwali skond il-liġi.

[1] Fol 40
[22] Fol 42
[3] Fol 590
[4] Fol 592

Is-soċjeta' konvenuta ma ressqet ebda oppożizzjoni għat-talba kif magħmula mill-Awtorita' u saħansitra ħallset diġa' parti mis-somma.

Il-Qorti wara li eżaminat l-atti u d-dokumenti preżentati, inkluż ix-xhieda ġuramentata tar-rappreżentant tal-istess Awtorita' li kkonferma li għad fadal bilanċ pendenti dovut, tqis li t-talba attriċi hija ġustifikata u ben pruvata.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-Awtorita' attriċi kif dedotti iżda limitatament għas-somma ta' mija u tlieta u għoxrin elf mija u ħamsa u tmenin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€123,185.81).**

**L-ispejjeż tal-kawża, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali ndikata fir-rikors ġuramentat jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**L-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta' konvenuta bl-ogħla rata applikabbli ai termini tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom japplikaw mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**